# Il-Ħadd 10.06.2018

1. Illum 10/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* ċċelebrata minn Dun Stephen Magro, Direttur Spiritwali tas-Seminarju Minuri u taż-Żmien Propedewtiku;
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. It-Tlieta 12/06:-
   - Fis-7:00pm - Il-Kor 'Sine Macula' beda jiltaqa' regolarment fil-*Foyer* tal-Iskola Primarja, għar-*rehearsals* bi preparazzjoni għal diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet, fosthom dawk marbuta mal-Festa ta' San Pawl. Il-provi jkunu nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Dawk li jixtiequ jimpenjaw ruħhom fil-kant huma mistiedna javviċinaw lil Mro Alexandra Borg (Email: alexe@maltanet.net) jew lill-Kappillan (Email: parrocca.safi@maltadiocese.org). Ma nħallux is-Sajf ikun ta' sħana u telqa biss, imma naraw li jkun Sajf ta' ħeġġa, inizzjattiva, u tagħlim wkoll.

3. Il-Ħamis 14/06: ***Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm***
   - Filgħaxija ser ikollna Ħarġa b'rabta ma' Jum il-Missier: nibdew bil-Quddiesa tas-6:30pm hawn fil-knisja u wara ħin u ikla f'lukanda l-Qawra. Tluq fid-7:15pm u nkunu lura għall-11:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Il-Ġimgħa 15/06:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

5. Is-Sibt 16/06:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 17/06, ***Jum il-Missier***:
   - Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 350 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-fjuri ta' Korpus u l-Qalb ta' Ġesù. Grazzi.